MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 27/2005

**John Galea**
**(ID400748M)**

**vs**

**Ronnie Padovani**
**(ID772229M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta` Jannar, 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu s-somma ta` tliet mija u sebgha u tmenin lira (Lm387) jew somma verjuri rapprezentanti valur ta` danni sofferti fil-vettura tal-attur numru LCY 910 f'incident stradali li sehh fit-13 ta` Mejju, 2004 gewwa B'Kara meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru FAW 136 ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta` l-ittra legali datata 25 ta` Gunju, 2004 u kif ukoll ta` l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma` dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 18 ta` Jannar, 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li allega li kien l-istess attur unikament responsabbli ghall-imsemmi ncident. Bl-ispejjes.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta` Jannar, 2005 fil-kawza fl-ismijiet inversi (pero` John Galea Junior) Avviz numru 1441/04 fejn gie ordnat li din il-kawza tigi rikjamata quddiem dak l-istess Tribunal stante li si tratta fuq l-istess incident awtomobilistiku.

Innota li l-avukati difensuri tal-partijiet kienu qabblu li l-provi mismugha f’kawza wahda jkunu jghoddu u applikabbli ghal kawza l-ohra fuq citata peress li si tratta ta` l-istess incident. Di fatti parti mill-provi jinsabu migbura f’process wiehed u provi ohra f’process iehor.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal qieghed jirriproduci hawnhekk il-kunsiderazzjonijiet tieghu li gew maghmula fil-kawza l-ohra precitata.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi dan l-incident sehh fil-By Pass ta` B’Kara fejn il-Bathroom Design. Ix-xarabank misjuqa minn iben l-attur Galea kienet qed tinstaq fis-service lane fid-direzzjoni ta` Hal Lija filwaqt li l-konvenut Padovani kien miexi fl-istess direzzjoni fuq il-karreggjata ta` gewwa cioe` fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Illi fit-tarf tal-By Pass is-service road u l-karreggjati ta` l-istess By Pass huma maqsuma biss b’linja kontinwa bajda. Illi filwaqt li Galea jallega li Padovani qasam ghal fuq il-karreggjata tieghu, kwindi ostakolah u

b’hekk sehh l-impatt, Padovani jsostni li huwa kien gej fuq il-karreggjata tax-xellug u l-impatt mieghu sehh meta huwa kien wieqaf ghal kollox u kwindi kien l-istess Galea li dahal go fih. Iz-zewg sewwieqa jaqblu li dak il-hin ta` l-incident kien hemm kongestjoni tat-traffiku u li dan kien miexi bil-mod hafna.

Fl-affidavit tieghu Padovani jsostni li meta waqaf fejn il-Bathroom Design fuq l-istop sign fuq il-karreggjata tax-xellug jistenna` t-traffiku li kien ghaddej lejn il-Mosta jbghatti xi ftit sabiex huwa jkun jista` johrog u jmur lejn Balzan, hass daqqa fuq il-bieba ta` wara tax-xellug tal-vettura tieghu. Din l-istess coach li habtet go fih kien gia` raha wieqfa ghal kollox fis-service road xi 40 metru qabel l-istop sign. F’ebda hin ma raha miexja. Ghalkemm jikkonferma li l-vettura tieghu kienet angolata lejn ix-xellug, huwa ma jaqbilx mal-mod kif tinsab indikata fuq l-iskizz tal-warden u bhala prova ta` dan li qed jghid jaghmel referenza ghar-ritratti esebiti ma` l-istess rapport tal-warden. Illi t-Tribunal ma jistax jifhem din l-affermazzjoni ta` Padovani peress illi r-ritratti esebiti mar-rapport tal-warden cioe` dawk a fol 23, 25 u 26 tal-process l-iehor precitat ilkoll jindikaw lill-vettura tieghu li qasmet il-linja kontinwa bajda u kwindi li dahlet fuq il-karreggjata tal-coach u kwindi li l-iskizz a fol 22 u 32 huwa fil-fatt korrett.

Mary Josephine Mallia li kienet riekba passiggiera ma` Padovani tikkonferma li meta hasset id-daqqa huma kienu gia` ghamlu xi zmien wieqfa ghal kollox fuq l-istop sign.

John Galea (junior), is-sewwieq tal-coach proprjeta` tal-attur, xehed li huwa kien miexi fis-service road li tigi taht il-B’Kara By Pass isegwi zewg vetturi ohra u baqa` warajhom. F’hin minnhom Padovani li kien qed isuq fil-By Pass qabad u qasam il-linja kontinwa bajda u gie quddiem ix-xarabank. Din il-manuvra ghamilha f’salt u Galea ma kellux cans li jieqaf fil-hin u b’hekk dahal go fih. Huwa jaqbel perfettament ma` l-iskizz u r-ritratti esebiti mill-warden.

Illi l-valur tal-hsarat kawzati fil-vettura ta` l-attur Galea jinsabu soddisfacentement ippruvati tramite Dok JG1 u Dok JG2 prezentati fl-ahhar seduta ta` dan il-process.

Illi ghalkemm hemm divergenza bejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa rispettivi, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni ta` Galea hija ferm aktar kredibbli minn dik avvanzata minn Padovani. Jinghad inoltre li l-verzjoni ta` Galea tinsab sorretta mill-iskizz u r-ritratti esebiti mill-warden. Certament l-istess ritratti ma jistghux jinnegaw il-fatt li Padovani effettivament intrometta ruhu fuq il-karreggjata ta` Galea u kwindi holoqlu ostakolu istantaneju. Din kienet il-kawza prossima tal-impatt u mhux il-ghaliex Galea dahal ghal fuq Padovani meta dan ta` l-ahhar kien wieqaf.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Ronnie Padovani kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, kwindi jirrespingi l-eccezzjoni minnu sollevata, jakkolji t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut Ronnie Padovani jhallas lill-attur, is-somma mitluba ta` tliet mija u sebgha u tmenin lira (Lm387) bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjes ta` din l-istanza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------